MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 186/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Kevin Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Kevin Cassar ta' 44 sena, iben Athur u Carmen xebba Wells, imwieled nhar it-2 ta' Jannar, 1970, residenti gewwa fond nru 14 'Paradise', Triq Sammat, Paola detentur tal-karta tal-identita' numru 43270(M):

Talli fix-xahar ta' Frar 2013, f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, haga ta' haddiehor lit kun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikata u dan bi ksur tal-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Kevin Cassar bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat iddikjara li se jhallas l-ammont ta' mija u tletin euro (€130) lill-parte leza cioe' lil Alfredo Attard.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum. Tordna wkoll li ai termini ta' l-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ghandu jhallas lil Alfredo Attard is-somma ta' mija u tletin euro (€130) u dan fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------